Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1441

23.7.2025

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1441

**tat-18 ta’ Lulju 2025**

**li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta’ emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta’ ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 53(1), il-punt (b)(ii), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta’ regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 47(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 54(4), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) u l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 ([3]) jistabbilixxi r-regoli dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni ta’ ċerti kunsinni ta’ ikel u ta’ għalf ta’ oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni, u dwar l-impożizzjoni ta’ kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta’ ċerti kunsinni ta’ ikel u ta’ għalf minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta’ kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, bir-residwi tal-pestiċidi, ta’ kontaminazzjoni mikrobijoloġika, biż-żebgħat tas-Sudan u bit-tossini tal-pjanti elenkati fl-Anness II ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni.

(2) L-Artikolu 12 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jistabbilixxi l-obbligu għall-Kummissjoni li, f’intervalli regolari li ma jaqbżux is-6 xhur, tirrieżamina l-listi stabbiliti fl-Annessi ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni biex titqies l-informazzjoni l-ġdida marbuta mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u man-nuqqas ta’ konformità. Din l-informazzjoni l-ġdida tinkludi d-data li tirriżulta min-notifiki li jaslu permezz tas-Sistema ta’ Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (“RASFF”, Rapid Alert System for Food and Feed) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002, kif ukoll id-data u l-informazzjoni dwar il-kunsinni u r-riżultati tal-kontrolli tad-dokumenti, tal-identità u fiżiċi li jitwettqu mill-Istati Membri u li jintbagħtu lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.
([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta’ Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta’ emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta’ ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1793/oj).

(3) In-notifiki reċenti li waslu permezz tal-RASFF jindikaw l-eżistenza ta' riskju serju dirett jew indirett għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta minn ċertu ikel jew għalf. Barra minn hekk, il-kontrolli uffiċjali li jitwettqu mill-Istati Membri fuq ċertu ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali fit-tieni semestru tal-2024 jindikaw li jenħtieġ li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu emendati sabiex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni.

(4) Barra minn hekk, ċerti atti legali msemmija fl-Artikoli 3 u 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 tħassru. Għalhekk, jeħtieġ li r-referenzi għal dawk l-atti legali jiġu aġġornati, u jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġi emendat kif xieraq.

(5) Ma hemm l-ebda komodità elenkata fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba kontaminazzjoni possibbli bil-pentaklorofenol u bid-diossini. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar dawk il-kontaminanti fl-Artikoli 3 u 10 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jitħassru.

(6) L-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jipprevedi deroga mill-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Jenħtieġ li dik id-deroga ma tkunx limitata għall-komoditajiet elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni minħabba kontaminazzjoni possibbli bil-mikotossini. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġi emendat kif xieraq.

(7) Fir-rigward tal-kunsinni ta' granadilla u frott tal-passjoni (*Passiflora ligularis* u *Passiflora edulis*) mill-Kolombja, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk huwa xieraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 20 % fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(8) Fir-rigward tal-kunsinni ta' weraq tad-dwieli mill-Eġittu, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk huwa xieraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 50 % fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(9) Fir-rigward tal-kunsinni ta' mango (*Mangifera indica*) mill-Eġittu, id-data min-notifiki tar-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jeħtieġ li jiġi rikjest livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dik il-komodità mill-Eġittu. Għalhekk, jenħtieġ li dik il-komodità tiġi inkluża fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(10) Il-bżar tal-ġeneru *Piper*; frott tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta*, imnixxef jew imfarrak jew mitħun, ġinġer, żagħfran, żagħfran tal-Indja (kurkuma), sagħtar, weraq tar-rand, curry u ħwawar oħrajn mill-Etjopja ilhom soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali u għal kundizzjonijiet speċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini minn Diċembru 2019. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jibqa' previst li kull kunsinna għandu jkollha magħha ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru l-konformità mar-rekwiżiti relevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu kontrolli sabiex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata dwar il-bżar tal-ġeneru *Piper*; frott tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta*, imnixxef jew imfarrak jew mitħun, ġinġer, żagħfran, żagħfran tal-Indja (kurkuma), sagħtar, weraq tar-rand, curry u ħwawar oħrajn mill-Etjopja fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u tiġi trasferita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 30 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni, fid-dawl tal-għadd ta' kunsinni tul l-aħħar snin.

(11) Fir-rigward tal-kunsinni ta' qargħa flixkun (*Lagenaria siceraria*) mill-Indja, id-data min-notifiki tal-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jeħtieġ li jiġi rikjest livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dik il-komodità mill-Indja. Għalhekk, jenħtieġ li dik il-komodità tiġi inkluża fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(12) Fir-rigward tal-kunsinni ta' fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis, Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mis-Sri Lanka, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk huwa xieraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 30 % fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(13) Fir-rigward tal-kunsinni ta' taħini u ħalva miż-żerriegħa tal-ġulġlien mis-Sirja, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bis-*Salmonella*. Għalhekk huwa xieraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni tiżdied għal 30 % fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(14) Il-grapefruit mit-Turkija ilhom soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi minn Jannar 2022. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, filwaqt li livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali għadu xieraq, il-livell ta' 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni ma għadux iġġustifikat għal dik il-komodità u l-frekwenza tal-kontrolli jenħtieġ li titnaqqas għal 10 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(15) Fir-rigward tal-kunsinni ta' tadam (*Solanum lycopersicum* L.) mit-Turkija, id-data min-notifiki tar-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġu riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jeħtieġ li jiġi rikjest livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dik il-komodità mit-Turkija. Għalhekk, jenħtieġ li dik il-komodità tiġi inkluża fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(16) L-imżiewed tal-moringa (*Moringa oleifera*) mill-Indja ilhom soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi minn Jannar 2022. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dik il-komodità mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti ta' nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dik il-komodità fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk jeħtieġ, li apparti li jiżdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali, jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali rigward l-importazzjoni tal-imżiewed tal-moringa (*Moringa oleifera*) mill-Indja. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kunsinni kollha ta' imżiewed tal-moringa (*Moringa oleifera*) jkunu akkumpanjati b'ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżijiet juru konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet jinhemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata dwar l-imżiewed tal-moringa (*Moringa oleifera*) fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 titħassar u tiġi trasferita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 30 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(17) Il-fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis, Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mill-Indja ilha soġġetta għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi minn Lulju 2022. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dik il-komodità mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti ta' nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk il-kontrolli jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dik il-komodità fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk jeħtieġ, li apparti li jiżdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali, jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali rigward l-importazzjoni tal-fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis, Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mill-Indja. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kunsinni kollha ta' fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis, Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mill-Indja jkunu akkumpanjati b'ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżijiet juru konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet jinhemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata tal-fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis, Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mill-Indja fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u tiġi trasferita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni, fid-dawl tal-għadd ta' kunsinni tul l-aħħar snin.

(18) Fir-rigward tat-tin imnixxef, it-taħlitiet u l-prodotti tat-tin imnixxef mit-Turkija, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini. Għalhekk huwa xieraq li tiżdied il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni għal 30 % fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(19) Barra minn hekk, għall-kunsinni ta' tin imnixxef, taħlitiet u prodotti mit-tin imnixxef mit-Turkija, id-data min-notifiki tar-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw li qed ifeġġ riskju għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli bl-Okratossina A. Billi l-aflatossini u l-Okratossina A huma t-tnejn mikotossini li jippreżentaw riskji simili għas-saħħa tal-bniedem u billi l-livell ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini u l-Okratossina A huwa simili, jixraq li jiġi inkluż il-periklu addizzjonali Okratossina A għall-kunsinni ta' tin imnixxef, taħlitiet u prodotti mit-tin imnixxef mit-Turkija fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u fiżiċi stabbilita għal 30 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(20) Fir-rigward taż-żrieragħ tal-kemmun mit-Turkija, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet rata għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-alkalojdi pirroliżidiniċi. Għalhekk huwa xieraq li tiżdied il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq dawk il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni għal 50 % fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(21) Barra minn hekk, ċerti atti legali msemmija fil-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 tħassru. Għalhekk, ir-referenzi għal dawk l-atti legali msemmija fil-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu aġġornati kif xieraq.

(22) Biex ikun hemm il-possibbiltà li jiġu pprovduti garanziji għall-komoditajiet elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 li huma soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali għad-dħul fl-Unjoni minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini "aflatossini" u "Okratossina A", il-punt II.2.1 tal-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(23) Barra minn hekk, peress li bħalissa ma hemm l-ebda komodità elenkata fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba kontaminazzjoni possibbli bil-pentaklorofenol u bid-diossini, jixraq li jitħassar il-punt II.2.3 tal-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(24) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni li diġà jkunu ġew dispaċċati mill-pajjiż ta' oriġini jew minn pajjiż terz ieħor, jekk dak il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż ta' oriġini, meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, jixraq li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni ta' xahrejn għall-kunsinni tal-imżiewed tal-moringa (*Moringa oleifera*) u tal-fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mill-Indja, li ma jkollhomx ir-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet u ċertifikat uffiċjali magħhom. Matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika hija żgurata għal dawk il-kunsinni, peress li huma soġġetti għal kontroll tal-identità u fiżiċi għall-imżiewed tal-moringa (*Moringa oleifera*) bi frekwenza ta' 30 % u għall-fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) bi frekwenza ta' 50 %, meta jidħlu fl-Unjoni.

(25) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġi emendat kif xieraq.

(26) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għall-ikel elenkat fl-Annessi I u II minħabba riskju possibbli ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom jitwettqu f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2782 (*);

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2782 tal-14 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi l-metodi ta' kampjunar u analiżi għall-kontroll tal-livelli ta' mikotossini fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 401/2006 (ĠU L, 2023/2782, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2782/oj).";

(b) il-punt (d) jitħassar;

(c) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) il-metodi ta' kampjunar u l-analiżijiet imsemmija fin-noti f'qiegħ il-paġna tal-Annessi I u II għandhom jiġu applikati fir-rigward ta' perikli minbarra dawk imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (e).";

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 2, fil-każ ta' kunsinna li fiha l-borża jew l-imballaġġ jikkombina diversi pakketti żgħar, huwa biżżejjed li l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kunsinna jissemma fuq il-borża jew fuq l-imballaġġ li jikkombina dawn il-pakketti żgħar.";

(3) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 (*) u mad-Direttiva 2002/32/KE fuq livelli massimi ta' mikotossini rilevanti, għall-kunsinni ta' ikel u għalf elenkati fl-Anness II minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini u bit-tossini tal-pjanti.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/915/oj).";

(ii) il-punt (c) jitħassar;

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(4) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Perjodu ta' tranżizzjoni**

Il-kunsinni ta' imżiewed tal-moringa (*Moringa oleifera*) u ta' fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mill-Indja, li jkunu ġew dispaċċati mill-pajjiż tal-oriġini, jew minn pajjiż terz ieħor, jekk dak il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż tal-oriġini, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1441 (*), jistgħu jidħlu fl-Unjoni sal-12 ta' Ottubru 2025 mingħajr ma jkollhom magħhom ir-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżijiet u ċ-ċertifikat uffiċjali previsti fl-Artikoli 10 u 11.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1441 tat-18 ta' Lulju 2025 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali u tal-miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/1441, 23.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1441/oj).";

(5) L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Anness IV huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

*"ANNESS I*

**Ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u fil-punti ta' kontroll**

| Ringiela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM (1) | Suddiviżjoni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **L-Ażerbajġan (AZ)** | — Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra | 0802 21 00 | | Aflatossini | 20 |
| | | — Ġellewż (*Corylus* sp.), bla qoxra | 0802 22 00 | | | |
| | | — Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż | ex 0813 50 39 | **70** | | |
| | | | ex 0813 50 91 | **70** | | |
| | | | ex 0813 50 99 | **70** | | |
| | | — Paste tal-ġellewż | ex 2007 10 10 | **70** | | |
| | | | ex 2007 10 99 | **40** | | |
| | | | ex 2007 99 39 | **05; 06** | | |
| | | | ex 2007 99 50 | **33** | | |
| | | | ex 2007 99 97 | **23** | | |
| | | — Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet | ex 2008 19 12 | **30** | | |
| | | | ex 2008 19 19 | **30** | | |
| | | | ex 2008 19 92 | **30** | | |
| | | | ex 2008 19 95 | **20** | | |
| | | | ex 2008 19 99 | **30** | | |
| | | | ex 2008 97 12 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 14 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 16 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 18 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 32 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 34 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 36 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 38 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 51 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 59 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 72 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 74 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 76 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 78 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 92 | **15** | | |

| Rin-giela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviż-joni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | ex 2008 97 93 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 94 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 96 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 97 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 98 | **15** | | |
| | | — Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż | ex 1106 30 90 | **40** | | |
| | | — Żejt tal-ġellewż | ex 1515 90 99 | **20** | | |
| | | ***(Ikel)*** | | | | |
| 2 | **Il-Bangladesh (BD)** | Fażola Eġizzjana (*Lablab purpureus*) ***(Ikel)*** | ex 0708 90 00 | **30** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| | | Lumi żara (*Citrus medica*) ***(Ikel)*** | ex 0805 90 00 | **20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| 3 | **Il-Burkina Faso (BF)** | Brunġiel (*Solanum aethiopicum*) ***(Ikel)*** | ex 0709 30 00 | **70** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| 4 | **Il-Kosta tal-Avorju (CI)** | Żejt tal-palm ***(Ikel)*** | 1511 10 90 | | Żebgħat tas-Sudan ([14]) | 20 |
| | | | 1511 90 11 | | | |
| | | | ex 1511 90 19 | **90** | | |
| | | | 1511 90 99 | | | |
| 5 | **Iċ-Ċina (CN)** | — Karawett, bil-qoxra | 1202 41 00 | | Aflatossini | 10 |
| | | — Karawett, bla qoxra | 1202 42 00 | | | |
| | | — Butir tal-karawett | 2008 11 10 | | | |
| | | — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor | 2008 11 91 | | | |
| | | | 2008 11 96 | | | |
| | | | 2008 11 98 | | | |
| | | — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett | 2305 00 00 | | | |
| | | — Dqiq u grixa tal-karawett | ex 1208 90 00 | **20** | | |
| | | — Paste tal-karawett | ex 2007 10 10 | **80** | | |
| | | (***Ikel u għalf***) | ex 2007 10 99 | **50** | | |
| | | | ex 2007 99 39 | **07; 08** | | |

| Ringiela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviżjoni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) ***(Ikel – imfarrak jew mitħun)*** | ex 0904 22 00 | **11** | *Salmonella* ([4]) | 10 |
| | | Te, kemm jekk aromatizzat u kemm jekk le ***(Ikel)*** | 0902 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([5]) | 20 |
| 6 | **Il-Kolombja (CO)** | Granadilla u frott tal-passjoni (*Passiflora ligularis* u *Passiflora edulis*) ***(Ikel)*** | ex 0810 90 20<br>ex 0810 90 20 | **40**<br>**50** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| 7 | **Ir-Repubblika Dominicana (DO)** | — Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)<br>— Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | 0709 60 10<br>0710 80 51<br>ex 0709 60 99<br>ex 0710 80 59 | <br><br>**20**<br>**20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([16]) | 50 |
| 8 | **L-Eġittu (EG)** | — Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)<br>— Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | 0709 60 10<br>0710 80 51<br>ex 0709 60 99<br>ex 0710 80 59 | <br><br>**20**<br>**20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([6]) | 30 |
| | | Lariṅġ ***(Ikel – frisk jew imnixxef)*** | 0805 10 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| | | Tuffieħ annona skwamuż (*Annona squamosa*) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)*** | ex 0810 90 75 | **20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| | | Weraq tad-dwieli ***(Ikel)*** | ex 2008 99 99<br>ex 2008 99 99 | **11**<br>**19** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 50 |
| | | Mango (*Mangifera indica*) ***(Ikel)*** | ex 0804 50 00 | **40** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| 9 | **L-Etjopja (ET)** | Żerriegħa tal-ġulġlien ***(Ikel)*** | 1207 40 90<br>ex 2008 19 19<br>ex 2008 19 99 | <br>**49**<br>**49** | *Salmonella* ([2]) | 50 |

| Ringiela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviżjoni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | — Bżar tal-ġeneru *Piper*; frott tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta*, imnixxef jew imfarrak jew mitħun | 0904 | | Aflatossini | 30 |
| | | — Ġinġer, żagħfran, żagħfran tal-Indja (kurkuma), sagħtar, weraq tar-rand, curry u ħwawar oħrajn<br>***(Ikel – ħwawar imnixxfin)*** | 0910 | | | |
| 10 | **Il-Georgia (GE)** | — Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra | 0802 21 00 | | Aflatossini | 20 |
| | | — Ġellewż (*Corylus* sp.), bla qoxra | 0802 22 00 | | | |
| | | — Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż | ex 0813 50 39 | **70** | | |
| | | | ex 0813 50 91 | **70** | | |
| | | | ex 0813 50 99 | **70** | | |
| | | — Paste tal-ġellewż | ex 2007 10 10 | **70** | | |
| | | | ex 2007 10 99 | **40** | | |
| | | | ex 2007 99 39 | **05; 06** | | |
| | | | ex 2007 99 50 | **33** | | |
| | | | ex 2007 99 97 | **23** | | |
| | | — Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet | ex 2008 19 12 | **30** | | |
| | | | ex 2008 19 19 | **30** | | |
| | | | ex 2008 19 92 | **30** | | |
| | | | ex 2008 19 95 | **20** | | |
| | | | ex 2008 19 99 | **30** | | |
| | | | ex 2008 97 12 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 14 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 16 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 18 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 32 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 34 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 36 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 38 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 51 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 59 | **15** | | |

| Ringiela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviżjoni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | ex 2008 97 72 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 74 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 76 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 78 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 92 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 93 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 94 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 96 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 97 | **15** | | |
| | | | ex 2008 97 98 | **15** | | |
| | | — Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż | ex 1106 30 90 | **40** | | |
| | | — Żejt tal-ġellewż | ex 1515 90 99 | **20** | | |
| | | ***(Ikel)*** | | | | |
| 11 | **Il-Ghana (GH)** | — Karawett, bil-qoxra | 1202 41 00 | | Aflatossini | 50 |
| | | — Karawett, bla qoxra | 1202 42 00 | | | |
| | | — Butir tal-karawett | 2008 11 10 | | | |
| | | — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet | 2008 11 91 | | | |
| | | | 2008 11 96 | | | |
| | | | 2008 11 98 | | | |
| | | | ex 2008 19 12 | **40** | | |
| | | | ex 2008 19 19 | **50** | | |
| | | | ex 2008 19 92 | **40** | | |
| | | | ex 2008 19 95 | **40** | | |
| | | | ex 2008 19 99 | **50** | | |
| | | — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett | 2305 00 00 | | | |
| | | — Dqiq u grixa tal-karawett | ex 1208 90 00 | **20** | | |
| | | — Paste tal-karawett | ex 2007 10 10 | **80** | | |
| | | (***Ikel u għalf***) | ex 2007 10 99 | **50** | | |
| | | | ex 2007 99 39 | **07; 08** | | |

| Rin-giela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviż-joni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | **Iżrael (IL)** ([15]) | Ħabaq (*Ocimum basilicum*)<br>***(Ikel)*** | ex 1211 90 86 | **20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 10 |
| 13 | **L-Indja (IN)** | Weraq tal-betel (*Piper betle L.*)<br>***(Ikel)*** | ex 1404 90 00 ([11]) | **10** | *Salmonella* ([4]) | 50 |
| | | Okra<br>***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | ex 0709 99 90<br>ex 0710 80 95 | **20**<br>**30** | Residwi tal-pes-tiċidi ([3]) ([7]) ([13]) | 30 |
| | | Ross<br>***(Ikel)*** | 1006 | | Aflatossini u Okratossina A | 5 |
| | | | | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 10 |
| | | Gwava (*Psidium guajava*)<br>***(Ikel)*** | ex 0804 50 00 | **30** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 30 |
| | | Noċemuskata (*Myristica fragrans*)<br>***(Ikel – ħwawar imnixxfin)*** | 0908 11 00<br>0908 12 00 | | Aflatossini | 30 |
| | | Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – imnixxef, inkaljat, imfarrak jew mitħun)*** | 0904 21 10<br>ex 0904 22 00<br>ex 0904 21 90<br>ex 2005 99 10<br>ex 2005 99 80 | <br>**11; 19**<br>**20**<br>**10; 90**<br>**94** | Aflatossini | 10 |
| | | — Żrieragħ tal-kemmun<br>— Żrieragħ tal-kemmun, imfarrkin jew mitħunin<br>***(Ikel)*** | 0909 31 00<br>0909 32 00 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 30 |
| | | Taħlitiet ta' addittivi tal-ikel li fihom il-gomma tal-ħarrub jew il-gomma tal-gwar<br>***(Ikel)*** | ex 2106 90 92<br>ex 2106 90 98<br>ex 3824 99 93<br>ex 3824 99 96 | | Residwi tal-pestiċidi ([13]) | 20 |
| | | Vanilja<br>***(Ikel – ħwawar imnixxfin)*** | 0905 | | Residwi tal-pestiċidi ([13]) | 20 |
| | | Msiemer tal-qronfol (frott sħiħ, imsiemer u zkuk)<br>***(Ikel – ħwawar imnixxfin)*** | 0907 | | Residwi tal-pestiċidi ([13]) | 20 |
| | | Qargħa flixkun (*Lagenaria siceraria*)<br>***((Ikel – frisk u mkessaħ)*** | ex 0709 93 90 | **10** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |

| Rin-giela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviż-joni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | **Il-Kenja (KE)** | Fażola (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.)<br>***(Ikel – frisk jew imkessaħ)*** | 0708 20 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 10 |
| | | Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | ex 0709 60 99<br>ex 0710 80 59 | **20**<br>**20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| 15 | **Il-Libanu (LB)** | Nevew (*Brassica rapa* ssp. *rapa*)<br>***(Ikel – ippreparat jew ippreservat fil-ħall jew fl-aċidu aċetiku)*** | ex 2001 90 97 | **11; 19** | Rodamina B ([12]) | 50 |
| | | Nevew (*Brassica rapa* ssp. *rapa*)<br>***(Ikel – ippreparat jew ippreservat fis-salmura jew fl-aċidu ċitriku, mhux iffriżat)*** | ex 2005 99 80 | **93** | Rodamina B ([12]) | 50 |
| 16 | **Is-Sri Lanka (LK)** | Mukunuwenna (*Alternanthera sessilis*)<br>***(Ikel)*** | ex 0709 99 90 | **35** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 50 |
| | | Fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*)<br>***(Ikel – ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | ex 0708 20 00<br>ex 0710 22 00 | **10**<br>**10** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 30 |
| | | Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – imnixxef, inkaljat, imfarrak jew mitħun)*** | 0904 21 10<br>ex 0904 21 90<br>ex 0904 22 00<br>ex 2005 99 10<br>ex 2005 99 80 | <br>**20**<br>**11; 19**<br>**10; 90**<br>**94** | Aflatossini | 50 |
| 17 | **Il-Madagascar (MG)** | Fażola tal-għajn sewda (*Vigna unguiculata*)<br>***(Ikel)*** | 0713 35 00 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 50 |
| 18 | **Il-Messiku (MX)** | Papaja ħadra (*Carica papaya*)<br>***(Ikel – frisk u mkessaħ)*** | 0807 20 00 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| 19 | **Il-Malażja (MY)** | Frott tas-siġra tal-ħobż (jackfruit) (*Artocarpus heterophyllus*)<br>***(Ikel – frisk)*** | ex 0810 90 20 | **20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 50 |
| | | Taħlitiet ta' addittivi tal-ikel li fihom il-gomma tal-ħarrub<br>***(Ikel)*** | ex 2106 90 92<br>ex 2106 90 98<br>ex 3824 99 93<br>ex 3824 99 96 | | Residwi tal-pestiċidi ([13]) | 30 |

| Rin-giela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviż-joni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | **Il-Pakistan (PK)** | Taħlitiet ta' ħwawar<br>***(Ikel)*** | 0910 91 10<br>0910 91 90 | | Aflatossini | 30 |
| | | Ross<br>***(Ikel)*** | 1006 | | Aflatossini u Okratossina A | 10 |
| | | | | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 10 |
| 21 | **Ir-Rwanda (RW)** | Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | ex 0709 60 99<br>ex 0710 80 59 | **20**<br>**20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 30 |
| 22 | **Is-Sirja (SY)** | Taħini u ħalva miż-żerriegħa tal-ġulġlien<br>***(Ikel)*** | ex 1704 90 99<br>ex 1806 20 95<br>ex 1806 90 50<br>ex 1806 90 60<br>ex 2008 19 19<br>ex 2008 19 99 | **12; 92**<br>**13; 93**<br>**10**<br>**11; 91**<br>**41**<br>**41** | *Salmonella* ([2]) | 30 |
| 23 | **It-Tajlandja (TH)** | Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | ex 0709 60 99<br>ex 0710 80 59 | **20**<br>**20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([8]) | 30 |
| | | Granadilla u frott tal-passjoni (*Passiflora ligularis* u *Passiflora edulis*)<br>***(Ikel – frisk)*** | ex 0810 90 20<br>ex 0810 90 20 | **40**<br>**50** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 10 |
| 24 | **It-Turkija (TR)** | Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*)<br>(***Ikel – frisk, imkessaħ jew imnixxef***) | 0805 50 10 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 30 |
| | | Grapefruits<br>***(Ikel)*** | 0805 40 00 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 10 |
| | | Rummien<br>***(Ikel – frisk jew imkessaħ)*** | ex 0810 90 75 | **30** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([9]) | 30 |
| | | — Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)<br>— Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu)<br>***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | 0709 60 10<br>0710 80 51<br>ex 0709 60 99<br>ex 0710 80 59 | <br><br>**20**<br>**20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([10]) | 20 |
| | | Riegnu mnixxef<br>***(Ikel)*** | ex 1211 90 86 | **40** | Alkalojdi pirroliżidiniċi | 30 |

| Ringiela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviżjoni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Żerriegħa tal-ġulġlien ***(Ikel)*** | 1207 40 90<br>ex 2008 19 19<br>ex 2008 19 99 | <br>**49**<br>**49** | *Salmonella* ([2]) | 20 |
| | | Taħlitiet ta’ addittivi tal-ikel li fihom il-gomma tal-ħarrub ***(Ikel)*** | ex 2106 90 92<br>ex 2106 90 98<br>ex 3824 99 93<br>ex 3824 99 96 | | Residwi tal-pestiċidi ([13]) | 30 |
| | | Tadam (*Solanum lycopersicum* L.) ***(Ikel – ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | 0702 00 00<br>0710 80 70 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |
| 25 | **L-Uganda (UG)** | Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)*** | ex 0709 60 99<br>ex 0710 80 59 | **20**<br>**20** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 50 |
| 26 | **L-Istati Uniti (US)** | — Karawett, bil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor<br>— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta’ pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett<br>— Dqiq u grixa tal-karawett<br>— Paste tal-karawett<br>(***Ikel u għalf***) | 1202 41 00<br>1202 42 00<br>2008 11 10<br>2008 11 91<br>2008 11 96<br>2008 11 98<br>2305 00 00<br>ex 1208 90 00<br>ex 2007 10 10<br>ex 2007 10 99<br>ex 2007 99 39 | <br><br><br><br><br><br><br>**20**<br>**80**<br>**50**<br>**07; 08** | Aflatossini | 20 |

| Rin-giela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviż-joni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | **Il-Vjetnam (VN)** | Durian (*Durio zibethinus*) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)*** | 0810 60 00 | | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 20 |

([1]) Meta jkun meħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti li jidħlu taħt kwalunkwe kodiċi NM, il-kodiċi NM jiġi mmarkat bl-ittri “ex” quddiemu.

([2]) Il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri tal-kampjunar u tal-metodi ta’ referenza analitika stabbiliti fil-punt 1(a) tal-Anness III.

([3]) Ir-residwi, mill-inqas ta’ dawk il-pestiċidi elenkati fil-programm ta’ kontroll adottat f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta’ residwu ta’ pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj) li jistgħu jiġu analizzati b’metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b’fażi gassuża/spettrometrija tal-massa (GC-MS), u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwida/spettrometrija tal-massa (LC-MS) (il-pestiċidi jridu jiġu ssorveljati biss fil-prodotti jew fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti).

([4]) Il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri tal-kampjunar u l-metodi ta’ referenza analitika stabbiliti fil-punt 1(b) tal-Anness III.

([5]) Residwi ta’ Tolfenpirad.

([6]) Residwi tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), tad-Dinotefuran, tal-Folpet, tal-Prokloraż (is-somma tal-prokloraż u tal-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni ta’ 2,4,6-triklorofenol espressa bħala prokloraż), tat-Tijofanat-metil u tat-Triforina.

([7]) Residwi tad-Diafentijuron.

([8]) Residwi tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imlieħ tiegħu espressa bħala (kloridrat) tal-formetanat), tal-Protijofos u tat-Triforina.

([9]) Residwi tal-Prokloraż.

([10]) Residwi tad-Diafentijuron, tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imlieħ tiegħu espressa bħala (kloridrat) tal-formetanat), u tat-Tijofanat-metil.

([11]) L-oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq tal-betel (Piper betle) jew li jikkonsistu minnu, inklużi dawk iddikjarati taħt il-kodiċi NM 1404 90 00, għalkemm mhux limitati għalihom biss.

([12]) Għall-finijiet ta’ dan l-Anness, ir-residwi tar-Rodamina B, bl-użu ta’ metodu ta’ analiżi b’LOQ, għandhom ikunu inqas minn 0,1 mg/kg.

([13]) Residwi tal-ossidu tal-etilen (is-somma ta’ ossidu tal-etilen u 2-kloro-etanol, espressa bħala ossidu tal-etilen). Fil-każ tal-addittivi tal-ikel, il-livell massimu ta’ residwi (MRL) applikabbli huwa 0,1 mg/kg (il-limitu ta’ kwantifikazzjoni (LOQ)). Projbizzjoni tal-użu tal-ossidu tal-etilen previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta’ Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/231/oj).

([14]) Għall-fini ta’ dan l-Anness, ‘Żebgħat tas-Sudan’ tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin: (i) Sudan I (Nurmu CAS 842-07-9); (ii) Sudan II (Numru CAS 3118-97-6); (iii) Sudan III (Numru CAS 85-86-9); (iv) Scarlet Red jew Sudan IV (Numru CAS 85-83-6). Ir-residwi taż-żebgħat tas-Sudan, bl-użu ta’ metodu ta’ analiżi b’LOQ, għandhom ikunu inqas minn 0,5 mg/kg).

([15]) Minn hawn ’il quddiem mifhum bħala l-Istat ta’ Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-amministrazzjoni tal-Istat ta’ Iżrael wara l-5 ta’ Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta’ Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

([16]) Residwi tal-Aċefat.

*ANNESS II*

**Ikel u għalf minn ċerti pajjiżi terzi li hu soġġett għal kundizzjonijiet speċjali għad-dħul fl-Unjoni minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, ir-residwi tal-pestiċidi, il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, iż-żebgħat tas-Sudan u t-tossini tal-pjanti**

1. **Ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b)(i)**

| Rin-giela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviż-joni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Il-Bangladesh (BD)** | Oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq tal-betel jew li jikkonsistu minnu (*Piper betle*) ***(Ikel)*** | ex 1404 90 00 ([8]) | **10** | *Salmonella* ([5]) | 50 |
| 2 | **Il-Bolivja (BO)** | — Karawett, bil-qoxra | 1202 41 00 | | Aflatossini | 50 |
| | | — Karawett, bla qoxra | 1202 42 00 | | | |
| | | — Butir tal-karawett | 2008 11 10 | | | |
| | | — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet | 2008 11 91 | | | |
| | | | 2008 11 96 | | | |
| | | | 2008 11 98 | | | |
| | | | ex 2008 19 12 | **40** | | |
| | | | ex 2008 19 19 | **50** | | |
| | | | ex 2008 19 92 | **40** | | |
| | | | ex 2008 19 95 | **40** | | |
| | | | ex 2008 19 99 | **50** | | |
| | | — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett | 2305 00 00 | | | |
| | | — Dqiq u grixa tal-karawett | ex 1208 90 00 | **20** | | |
| | | — Paste tal-karawett | ex 2007 10 10 | **80** | | |
| | | (***Ikel u għalf***) | ex 2007 10 99 | **50** | | |
| | | | ex 2007 99 39 | **07; 08** | | |
| 3 | **Il-Brażil (BR)** | Bżar iswed (*Piper nigrum*) ***(Ikel – la mfarrak u lanqas mitħun)*** | ex 0904 11 00 | **10** | *Salmonella* ([2]) | 50 |
| 4 | **Iċ-Ċina (CN)** | Gomma tal-ksantan ***(Ikel u għalf)*** | ex 3913 90 00 | **40** | Residwi tal-pestiċidi ([9]) | 20 |

| Rin-giela | Pajjiż tal-oriġini | Ikel u għalf (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Suddiviż-joni TARIC | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | **Ir-Repubblika Dominicana (DO)** | Brunġiel (*Solanum melongena*)<br>***(Ikel – frisk jew imkessaħ)*** | ex 0709 30 00 | **05** | Residwi tal-pestiċidi ([3]) | 50 |
| 6 | **L-Eġittu (EG)** | — Karawett, bil-qoxra | 1202 41 00 | | Aflatossini | 30 |
| | | — Karawett, bla qoxra | 1202 42 00 | | | |
